# L-ILSIEN MALTI FL-1904 U ...... FL-2036

**Ta' Karmenu Ellul Galea**

Ftit ilu kont qed inqalleb xi ġurnali ta' l-imgħoddi fil-Bibljoteka Rjali tagħna, u fil-"Malta Tagħna" tat-22 ta' Ottubru, 1904, fil-kolonna mgħammda **aħbarijiet tal-pajjiż,** insib dan li ġej:

**L-Ammiral ħareġ avviż biex idaħħal għall-iskola tat-Tarzna żewġ Assistenti Surmastrijiet, li jkunu jgħallmu bl-Ingliż u l-Malti. L-applikazzjonijiet jintbagħtu sat-22 ta' dan ix-xahar. Is-salarju hu ta' £90 fis-sena, u jiżdiedu £5 fis-sena sa £120.**

**Uhud mill-Maltin iridu jistradikaw il-lsien tagħhom, mentri l-istess Ingliżi jridu jinkoraġġuh u jgħadduh 'il quddiem. Sabiħa din tassew!**

Dan x'kien igħid l-avviż, u meta qrajtu bil-kemm ridt nemmen lili nnifsi. U f'qalbi għidt: li tassew missna nistħu mill-barranin. L-ewwel ħaġa li laqtitni hi kif il-barranin kienu taw din l-importanza lill-għażiż ilsien tagħna — il-Malti — u fi skola li l-maġġurpart tat-tfal tagħha kienu Ingliżi, u li kienet thejji l-istudenti li jmorru fiha għall-industrija kollha kemm hi mmexxija minn l-Ingliżi. Nifhem lı surmast li jgħallem il-Malti 66 sena ilu kien meqjus mhux biss bħala lussu kbir imma wkoll ġenn jew ereżija kulturali.

Ħaġa oħra li fraħt biha hi li minkejja l-injoranza f'dak li hu tagħlim u edukazzjoni fost il-fqar u l-ħaddiema, l-Ilsien Malti kien ġa qed jibda jieħu post bħala wieħed mis-suġġetti ta' l-iskejjel tagħna ...... u barranin ukoll, jekk ma tridx!

U tgħidx kemm ħadt gost u ammirajt il-kuraġġ ta' l-editur dwar ır-rimarka u t-twiddiba li għamel fl-aħħar paragrafu ta' din l-aħbar jew avviż. Meta wieħed iġib quddiem għajnejh il-preġudizzji, il-mibegħda, ıt-twarrib u s-snobbiżmu kontra l-Ilsien Malti fl-istess żmenijiet tallum f'pajjiżna indipendenti u suvran, aħseb u ara f'liema qagħda mwarrba u ta' għajb kien miżmum u mqiegħed f'dawk iż-żmenijiet tan-nanniet. Għalhekk inħoss u għidt li l-editur ta' dak il-ġurnal ta' kull ġimgħa ("Malta Tagħna") kellu l-kuraġġ morali, u minn qalbi nagħtih prosit u ngħidlu bravu, **sewwa għamilt!**

B'danakollu, illum aħna, ma tantx għandna għalfejn nitkażaw u niskandalizzaw irwieħna b'dak li ġara mill-Ilsien Malti 66 sena ilu. Jien naħseb, u fil-fatt hekk hu, lı l-aħħar paragrafu li qed insemmi, jew aħjar ir-rimarka li għamel l-editur, għadhom xorta waħda jgħoddu għal ħafna mill-Maltin ta' żmenijietna. Illum, l-Ilsien Malti m'għadx għandu dik il-gwerra diretta u sfaċċata li kellu 66 sena ilu. Imma llum, fid-djar, fit-triqat, fl-istampa, fir-radju u t-T.V., qed ineżżgħuh mill-libsa ewlenija u



sabiħa tiegħu u jlibbsuh oħra ta' taħlit, tgħawwiġ u ta' tiswir li mhi xejn u xejn Maltija.

Fil-veru sens tal-kelma, bħal ma kien kiteb tajjeb l-editur tal-'Malta Tagħna' 66 sena ilu, **iridu jistradikaw il-lsien tagħhom.** Tgħid 66 sena oħra, uliedna u wlied uliedhom, ikollhom għalfejn jerġgħu jċanfru lil ta' żmienhom (fis-sena tal-Mulej 2036) li jkun għad baqa' minn dawk li **jridu jistradikaw l-ilsien tagħhom,** l-ilsien li twieled, kiber u għex ġo fihom, l-Ilsien Malti? ......

Nitolbu 'l Alla sabiex dan ma jseħħx, u li Malta tibqa' Maltija, indipendenti u suvrana bl-ilsien, id-drawwiet, il-kultura u l-ħajja tagħha li jagħżluha u jgħolluha minn ġnus oħra.

---

## FREESIA

**Ta' Kilin**

Trombi fuq trombi;
trombi tad-deheb idoqqu l-fwieħa;
fwieħa ħelwa,
fwieħa kwieta li tinfed sar-ruħ;
Si Bemoll.